MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 41/2005

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta’ Awissu tas-sena 1991 fil-Knisja Parrokkjali taz-Zejtun, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, bin-numru ta’ l-Iskrizzjoni 1410.1991 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok. A.

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Il-konvenuta zzewget meta ma kellha l-ebda intenzjoni li ssegwi fedelment l-elementi essenzjali taz-zwieg kif inhuma rikonoxxuti mil-Ligi Maltija;

Premess li minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta’ Awissu tas-sena 1991, huwa null u minghajr effett legali.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi l-esponenti taqbel li z-zwieg ta’ bejnha u bejn l-attur huwa null, b’ dana illi dan sehh minhabba htijiet imputabbli lill-attur u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat mal-konvenuta fl-14 ta' Awissu 1991 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens tal-konvenuta huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta teccepixxi li nullita' taz-zwieg hija attribwibbli lill-attur in bazi ghall-istess capita nullitatis citati minnu.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu;

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Awissu 1991 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw il-xulxin tlett [3] snin, u meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 20 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal fis-snin 1992, 1994 u 1996 rispettivament. Wara konvivenza ta' sitt [6] snin il-partijiet isseparaw de facto.

Minn naha tieghu l-attur jghid li l-konvenuta kienet izzewwgitu sabiex titlaq mid-dar tal-genituri taghha fejn, skond hu, kienet qeda tghix hajja difficli. Jghid li wara t-twelid ta' l-ewwel tifla [cioe' fis-sena 1992] beda l-inkwiet ghax skond hu l-konvenuta ma kienitx kapaci tiehu hsieb it-tifla, taghmel il-facendi tad-dar u ma kienitx issajjar. Sussegwentement telaq mid-dar wara li kien gieh suspett li martu kellha relazzjoni extra matrimonjali; u ma' l-affidavit tieghu pprezenta DNA Paternity Test Report fuq samples li ttiehdu fit-12 ta' Settembru <u>2003</u>, liema rapport nnewtralizzaw is-suspetti tieghu li t-tieni tifel ma kienx tieghu.

Il-versjoni tal-konvenuta taghti stampa differenti tal-hajja konjugali taghhom. Hija tghid li kienet izzewwget lill-attur mhux ghax kienet thobbu izda ghax kellhom x' jaqsmu flimkien qabel iz-zwieg. In fatti hija tghid li kieku ma kienx hekk ma kienitx tizzewwgu ghax ma kienitx thobbu. Il-

konvenuta tghid li wara erba xhur taz-zwieg l-attur beda jerfa' idejh fuqha u jsawwatha. Hija cahdet li kellha relazzjoni extra matrimonjali kif allega l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ghar-rigward tal-imputazzjonijiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta, il-Qorti tosserva li, irrispettivament minn xi motivi ulterjuri li setghu kienu prezenti fil-konvenuta meta dina ddecidiet li tizzewweg lill-attur, mill-provi ma jirrizultax li dina kienet zzewget kontra l-volonta' taghha. Il-Qorti hija ferma fil-konvinciment li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali il-konvenuta tat il-kunsens taghha liberament u riedet tizzewweg lill-attur li mieghu kienet ilha gharusa tlett [3] snin. Inoltre,ma rrizultax li f' dak il-mument hija internament b' att posittiv tal-volonta' taghha eskludiet iz-zwieg jew xi obbligazzjoni essenzjali ghal hajja matrimonjali; kif lanqas irrizulta provata l-allegazzjoni attrici kontenuta fl-att tac-citazzjoni li hi "ma kellha l-ebda intenzjoni li ssegwi fedelment l-elementi essenjzali taz-zwieg." Anzi l-provi juru l-kuntrarju, fis-sens li, nonostante d-diffikultajiet riskontrati minnha fil-hajja matrimonjali, hija ghamlet l-isforzi taghha sabiex tiehu hsieb it-trobbija tat-tlett it-tfal li twieldu f' interval taz-zmien qasir.

Illi l-premessi konsiderazzjonijiet fattwali japplikaw wkoll ghall-kawzali bazata fuq il-paragrafu [d]. Il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuta kienet effetta minn difett serju ta' nuqqas ta' diksrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d], li jirrikjedi li ikun hemm <u>l-inkapacita'</u> psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Ma rrizutlax li ma kellhiex certu dixxerniment tal-obbligazzjonijiet essenzjali ghal-hajja matrimonjali; kif lanqas irrizulta li kienet affetta minn anomalija psikologika kif koncepita fit-tieni parti tal-paragrafu precitat.

Illi in kwantu ghall-imputazzjonijet maghmula mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur bazati fuq il-paragrafi citati, il-Qorti tosserva li, nonostante l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, li zviluppa wara zmien ta' zwieg, u

alimentat bl-atteggjament ta' xi familjari, ma jirrizultax li l-attur kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, jew minn anomalija psikologika serju li fixklet il-hajja matrimonjali bejniethom; kif lanqas ma jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa eskluda xi obbligu essenzjali ghal hajja konjugali. Huwa zzewweg ghax ried hu u bil-libera volonta' tieghu, u mill-provi ma jirrizultax il-kuntrarju. Fl-affidavit tieghu jghid li hu u l-konvenuta zzewwgu "ghax konna mixtiqin li nghamlu bhal haddiehor."[fol.38]. L-attur jghid li l-inkwiet beda jfegg wara t-twelid ta' l-ewwel wild, circa wara sena u nofs mid-data taz-zwieg.

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm matul iz-zwieg zviluppaw problemi bejn il-partijiet rizultat forsi tal-inkompatibilita' ta' karattru, u atteggjament insensittiv da parti ta' l-attur u suspetti u dubji da parti tieghu fil-konfront tal-konvenuta, dawn jistghu jkunu kawza ta' separazzjoni personali, izda mhux ta' annullament taz-zwieg li jirrikjedi estremi differenti u li jridu jezistu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali . Inoltre jinsab ritenut fil-gurisprudenza nostrana li decizjoni zbaljata, kif jidher li sehh fil-kaz in disamina, ma tintegrax il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] u waheda ma twassalx ghall-annullament taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhux gustifikata u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------